**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Novembru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 571/2015 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**L-Avukat Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tas-26 ta' Lulju 2016 gew mahtura Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lil assenti Christopher Paul Hibbs**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion datat 31 ta' Jannar 2007 (Dok. "A") is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Christopher Paul Hibbs.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta' Christopher Paul Hibbs fis-somma ta' mija u sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u tmienja u sebghin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€127,678.21)

bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Christopher Paul Hibbs mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3" u Dok. "C1 sa C4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-24 ta' Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibit bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenut:

(a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 2011, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "D" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibit bhala Dok. "A") partikolarment imma mhux esklussivament billi l-konvenut (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Christopher Paul Hibbs ihallsu lis-socjetà attrici is-somma ta' mija u sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u tmienja u sebghin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€127,678.21) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan*

*Accounts*" ta' Christopher Paul Hibbs mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3" u Dok. "C1 sa C4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-24 ta' Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 6 ta' Mejju 2011 kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Christopher Paul Hibbs li permezz taghha wiegbu illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet ix-xhud viva voce.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz tax-xhieda viva voce u d-dokumenti esibiti il-bank ipprova sal-grad rikjest mill-ligi li t-talba tieghu jisthoqqilha tintlaqa'.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Christopher Paul Hibbs b'dana illi d-drittijiet tal-kuraturi jithallsu provvizorjament mill-Bank rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG